MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 1000/2005/1

**Francis Ciantar, Joseph Pace, Angelo Briffa u John Grech f'isimhom proprju u bhala membri tal-kumitat bl-isem "Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u erbgha u sittin" u b'digriet tas-7 ta' Ottubru 2014 stante l-mewt ta' John Grech, l-atti gew trasfuzi f'isem Maria Grech armla ta' John Grech**

**v.**

**Il-Partit Nazzjonalista**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni tal-atturi pprezentata fid-19 ta’ Ottubru 2005, li jaqra hekk:

> “Peress illi b’kuntratt tad-disgha u ghoxrin ta’ Dicembru tas-sena elf disa’ mija u tnejn u sebghajn (29/12/1972) pubblikat min-Nutar Dottor Philip Saliba l-istanti xtraw u akkwistaw il-fond f’Hal Qormi, Triq Anici, bla numru, u li gie segregat mill-fond numru sitta (6), sqaq numru hamsa (5), ta’ Triq Santa Katerina (Dok. “A” hawn unit).
>
> “U peress illi l-imsemmi fond, li gie riabilitat u armat mill-istanti, infetah mill-Kumitat bl-isem “Wiehed u Ghoxrin ta’ Settembru elf disa’ mija, erbgha u sittin” kompost mill-atturi proprio u beda jintuza bhala Kazin taht l-isem “Frederick Maempel” li wara ghal bosta snin l-atturi ppermettew lill-konvenut il-Partit Nazzjonalista juza dan il-fond minghajr hlas.
>
> “U peress illi l-konvenut xtara fond fi Triq il-Kbira, Hal Qormi, biex juzah bhala Kazin tal-lokal, u l-fond inkwistjoni fi Triq Anici ma baqax jintuza.
>
> “U peress illi l-istanti talbu lura l-imsemmi fond fi Triq Anici, Qormi, izda l-konvenut rrifjuta li jirritornah.
>
> “Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

“1. Tiddikjara li l-fond fi Triq Anici, Qormi gia` fond bla numru u li gie segregat mill-fond numru sitta (6), sqaq numru hamsa (5) ta’ Santa Katerina, huwa proprjeta` tal-atturi;

“2. Tordna lill-konvenut il-Partit Nazzjonalista sabiex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tipprefeggilu din il-Qorti jizgombra mill-imsemmi fond u jirritorna c-cwievet lill-atturi; u

“3. Fin-nuqqas, l-atturi jigu awtorizzati jirriprendu l-pussess tal-imsemmi fond fi Triq Anici, Qormi, taht id-direzzjoni ta’ Perit nominandi u a spejjez tal-konvenut.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur tal-Art. 2143 tal-Kap. 16.

“2. Preliminarjament ukoll, illi l-atturi proprio ma ghandhom ebda *locus standi* fil-kawza illi illum l-atturi m’ghandhomx ir-rapprezentanza tal-Kumitat tal-Partit Nazzjonalista ta’ Hal Qormi.

“3. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi azzjoni simili tispetta lill-membri kollha tal-kazin u mhux lill-erbgha atturi.

“4. Fil-mertu, illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bill:

“(a) Il-Partit Nazzjonalista ilu fil-pussess tal-proprjeta` de quo *uti dominus* ghal aktar minn tletin sena.

"(b) Il-kazin *de quo* jappartjeni lill-Partit Nazzjonalista kif jidher mid-dokument datat 28 ta' Dicembru 1972, (l-ahhar faccata ta' Dok. A) li juri li huwa l-'kumitat tal-Partit Nazzjonalista ta' Hal Qormi' li ddecieda li jakkwista l-kazin u li ddelega lill-Dr. George Hyzler biex jakkwista f'ismu l-proprjeta` *de quo*. Il-Kumitat tal-Partit ta' kull belt u rahal, inkluz ta' Hal Qormi, huwa bissa fergha tal-Partit Nazzjonalista, kontrollata kompletament mill-Partit u ghalhekk il-kazin effettivament u legalment jappartjeni lill-Partit Nazzjonalista u mhux lil xi kumitat (sezzjonali, distrettwali, amministrattiv jew xorta ohra) tal-istess Partit.

"(c) Illi skont l-Istatut tal-Partit Nazzjonalista, kull kumitat jew organu tal-Partit huwa parti mill-istess Partit u m'ghandux identita` separata u distinta mill-istess Partit b'dan li l-Kap tal-Partit jista' jnehhi, jibdel u jinnomina hu persuni fuq dak il-Kumitat jew organu.

"5. Salve eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-30 ta' Novembru 2010 li permezz taghha l-Qorti laqghet l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' legittimazzjoni attiva fir-rigward tal-atturi personalment u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trentennali bl-ispejjez kontra l-atturi;

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

*"__Dwar l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva__*

"14. Nibdew bl-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva.

"15. Kif sewwa igħidu l-atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom[1], l-art. 4(*d*) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap. 249] igħid illi "l-espressjoni "persuna" tinkludi korp jew għaqda oħra ta' persuni sew jekk dak il-korp jew dik l-għaqda jkunu persuna ġuridika, skond id-disposizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili, sew jekk le". Il-kwistjoni għalhekk, kif ġà għidna, hija jekk il-kumitat li għalih deher it-Tabib Hyzler fuq il-kuntratt ta' bejgħ huwiex persuna għalih jew huwiex biss organu tal-partit konvenut, u mhux jekk l-atturi *proprio* xtraw f'isimhom. Fil-fatt, il-mandat lit-Tabib Hyzler ma ngħatax mill-atturi *proprio* iżda mill-"kumitat tal-każin tal-Partit Nazzjonalista ta' Ħal Qormi", u t-Tabib Hyzler ma deherx f'isem l-atturi *proprio* iżda "għan-nom u in rappreżentanza tal-Kumitat tal-Każin Nazzjonalista bl-isem tal-*Wieħed u Għoxrin ta' Settembru elf disa' mija u erbgħa u sittin*".

"16. L-atturi *proprio* għalhekk qatt ma ippretendew illi l-fond inxtara f'isimhom u sewwa tgħid l-eċċezzjoni tal-partit konvenut illi l-atturi *proprio* ma għandhomx *locus standi* fil-kawża. Dik l-eċċezzjoni għalhekk għandha tintlaqa'.

*"**<u>Dwar l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' tletin sena</u>***

"17. Ngħaddu issa biex inqisu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' tletin sena taħt l-art. 2143 tal-Kodiċi Ċivili.

"18. L-atturi fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħhom igħidu illi din hija azzjoni revindikatorja. Dan ifisser illi qegħdin jistqarru illi ma għandhomx pussess tal-ħaġa għax il-pussess ivesti fil-partit konvenut. Li rridu naraw għalhekk huwa meta l-partit konvenut kiseb dan il-pussess u jekk żammx dak il-pussess kontinwament u bla interruzzjoni għal tletin sena. Dan il-pussess irid ikun ukoll mill-bidunett *uti dominus*, billi "dawk li jżommu l-ħaġa f'isem ħaddieħor … … … ma jistgħux jippreskrivu favur tagħhom infishom"[2].

"19. Fil-fehma tal-qorti, lill-partit konvenut seħħlu li juri inekwivokabilment illi kellu dak il-pussess mill-inqas sa mill-5 ta' Lulju 1975, meta l-kap tal-partit ingħata ċ-ċavetta. Il-qorti hija wkoll tal-fehma illi l-partit konvenut kellu l-pussess sa mill-bidunett meta nxtara l-bini wara deċiżjoni meħuda waqt "seduta tal-kumitat tal-każin tal-Partit Nazzjonalista ta' Ħal Qormi", iżda billi dan jolqot

1 *Fol*. 244.
2 Art. 2118, Kod. Ċiv.

x'aktarx il-meritu – dwar min kien ix-xerrej, jekk kumitat awtonomu jew kumitat bħala organu tal-partit – il-qorti sejra għall-għanijiet tal-preskrizzjoni tibda biex tqis jekk, għall-inqas mill-5 ta' Lulju 1975, il-partit konvenut kellux f'idejh il-każin bħala tiegħu.

"20. Għalkemm l-atturi jgħidu illi l-każin kien "il-każin tat-Tabib Hyzler" iċ-ċerimonja tal-ftuħ turi illi l-każin infetaħ bħala każin tal-Partit Nazzjonalista. Dan jixhdu kemm il-kliem rappurtat tat-Tabib Hyzler, li qal illi l-ħsieb ta' dawk li ħadmu biex infetaħ il-każin kien "li jagħmlu ġid lill-Partit Nazzjonalista", u kemm il-kliem rapportat tal-kap tal-partit illi "irringrazzja għan-nom tal-Partit Nazzjonalista" u mhux f'isem it-Tabib Hyzler "li min għen biex seta' jinfetaħ dan il-każin".

"21. Is-segretarji ġenerali u l-kapijiet tal-partit konvenut li xehdu fil-kawża lkoll qalu illi l-każin dejjem qisuh bħala każin tal-partit, u kienu jinqdew bih bħal ma kienu jinqdew bil-każini l-oħra tal-partit, u baqgħu hekk iqisuh ukoll meta nfetħet il-kawża. Il-konvenuti, min-naħa l-oħra, kienu jżommu l-każin fil-kwalità tagħhom ta' uffiċjali tal-kumitat sezzjonali tal-partit u ma kellhomx kontroll fuq il-każin meta ma baqgħux f'dik il-ħatra, tant illi meta dehrilhom illi kellhom jieħdu l-każin huma talbu ċ-ċavetta mingħand il-partit konvenut.

"22. Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi, ukoll bis-saħħa tal-presunzjoni tal-pussess *uti dominus*[3] u tal-presunzjoni *probatis extremis media præsumuntur*[4], il-partit konvenut kellu l-pussess kontinwu tal-fond fi Triq Anici mill-inqas sa mill-5 ta' Lulju 1975. Billi l-ewwel att ta' interruzzjoni kien iċ-ċitazzjoni li biha nfetħet din il-kawża, ippreżentata fid-19 ta' Ottubru 2005, aktar minn tletin sena wara, l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' tletin sena għandha tintlaqa'.

"23. Bla ħsara għal dan kollu, il-qorti temmen ukoll illi l-partit konvenut jista' jinqeda wkoll bil-presunzjoni ta' kontinwità tal-pussess minn dakinhar tat-titolu taħt l-art. 529 tal-Kodiċi Ċivili, billi hija tal-fehma illi x-xiri bil-kuntratt tad-29 ta' Diċembru 1972 sar f'isem il-partit konvenut u mhux f'isem kumitat awtonomu.

"24. Kif ħareġ mix-xiehda tal-uffiċjali tal-partit l-organizzazzjoni tal-partit dak iż-żmien kienet minn isfel 'il fuq għax kienu l-kumitati fid-diversi bliet u rħula li

---

[3] Art. 525(1), Kod. Ċiv.

[4] Art. 528, Kod. Ċiv.

kienu jifformaw il-partit, u dawk il-kumitati għalhek kienu organi tal-partit. Li ma kienx hekk, il-kumitat *Wieħed u Għoxrin ta' Settembru elf disa' mija u erbgħa u sittin* la kien ikun jista' jsejjaħ lilu nnifsu "kumitat tal-każin tal-Partit Nazzjonalista ta' Ħal Qormi" fir-riżoluzzjoni tat-28 ta' Diċembru 1972 li biha ħatar lit-Tabib Hyzler biex jidher fuq il-kuntrat ta' xiri, u lanqas kien ikun jista' jġib l-arma tal-partit fuq it-tesseri tal-imseħbin tiegħu.

"25. Il-fatt imbagħad illi l-istess kumitat evolva f'kumitat sezzjonali meta saret ri-organizzazzjoni tal-partit turi kontinwità fil-funzjoni tal-kumitat bħala organu tal-partit għax b'dak il-pass ma nqeridx kumitat awtonomu biex inħoloq organu ġdid tal-partit iżda biss l-istruttura tal-partit ħadet forma oħra aktar ċentralizzata. Il-kumitat, iżda, baqa' bħal ma kien qabel organu tal-partit.

"26. Fil-fehma tal-qorti għalhekk il-partit konvenut għandu titolu għall-fond fi Troq Anici, Ħal Qormi, sa minn dakinhar tal-kuntratt tad-29 ta' Diċembru 1972, aktar minn tletin sena qabel ma nfetħet il-kawża.

"27. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni illi l-atturi *proprio* ma għandhomx leġittimazzjoni attiva biex ikunu parti fil-kawża, u tilqa' wkoll l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' tletin sena. Għalhekk tiċħad it-talbiet magħmula fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-atturi."

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li permezz tieghu talbu t-thassir tas-sentenza msemmija u dan billi tilqa' l-aggravji taghhom bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat ir-risposta tal-konvenut li permezz taghha talab il-konferma tas-sentenza appellata bl-ispejjez;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Ottubru 2014 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal kawza huma spjegati fid-dettal fis-sentenza msemmija u ma hemmx lok li wiehed joqghod jirrepetihom fit-tul. F'dan l-appell, peress li l-ewwel Qorti laqghet zewg eccezzjonijiet huwa naturali li l-appellanti ressqu aggravju ghal kull wahda minn dawn l-eccezzjonijiet.

**<u>L-Ewwel Aggravju</u>**

Dwar l-eccezjoni akkolta ta' nuqqas ta' legittimazzjoni attiva, l-appellanti jsostnu illi l-ewwel Qorti *ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u tal-punti ta' ligi.*

L-appellanti jsostnu illi l-kumitat appellanti kien kumitat awtonomu u l-iskop tieghu kien li jeleggi lid-Deputat Dottor George Hyzler fil-Parlament u li dak il-Kumitat baqa jiffunzjona, ghandu personalita` guridika separata mill-Partit konvenut u kwindi jista' jigi mharrek u jikkuntratta skont l-Artikolu 4 (d) tal-Att dwar l-interpretazzjoni li jghid li 'persuna' *tinkludi ghaqda jew korp iehor ta' persuni, sew jek dik l-ghaqda jew dak il-korp ikunu persuna guridiku jew jekk le*.

Huwa evidenti pero` illi l-aggravju tal-appellanti mhuwiex dirett kif kellu jkun; dan ghaliex kif jidher car mis-sentenza appellata l-eccezzjoni inkwistjoni giet akkolta **fir-rigward tal-atturi proprio** u mhux fir-rigward taghhom ‘nomine’.

Il-Qorti fi kliem iehor qalet li *una volta* l-atturi qatt ma ppretendew illi huma xtraw il-fond f’isimhom (l-istess attur appellant Ciantar xehed hekk fis-seduta tat-30 ta’ April 2009), huma qatt ma setghu f’dik il-vesti jitolbu li jigu mradda lura l-fond inkwistjoni. Fil-fatt meta nxtara l-fond, deher fuq il-kuntratt l-imsemmi Dottor Hyzler li kien qed jidher f’isem u ghan-nom tal-Kumitat imsemmi. Huwa car ghalhekk li l-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li l-atturi f’isimhom ma setghux jiccitaw u ghalhekk dan l-aggravju huwa respint.

**<u>It-Tieni Aggravju</u>**

Dan l-aggravju jirrigwardja l-akkoljiment tal-ewwel Qorti tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali (Artikolu 2143 tal-Kodici Civili).

Ghandu jinghad mill-ewwel illi l-mod kif saru l-affarijiet f’kull aspett ta’ din il-kwistjoni ma jghinu xejn biex wiehed ikollu ideja cara ta’ min fil-fatt kien qed jakkwista u l-iskop ghaliex l-affarijiet saru kif saru. Huwa evidenti illi fiz-zmien

inkwistjoni u cioe` fil-bidu tas-snin sebghin kien hemm dik li wiehed jista' jghid li kienet pika kbira bejn il-partitarji taz-zewg deputati tal-Partit Nazzjonlista li kienu popolari fil-lokal (Hal Qormi) u cioe` l-Avukat Giuseppe Maria Camilleri u t-tabib George Hyzler. Jidher li wara l-elezzjoni generali tal-1971 il-pika hraxet tant li Dr. Camilleri ma iddejjaqx jibghat ittra lil istess Dr. Hyzler fejn qallu biex ma jersaqx aktar lejn il-kazin 'tieghu' li kellu l-isem "Circolo Nazionalista Federico Maempel".

Fil-fatt wiehed mill-argumenti li ressqu l-appellanti huwa li meta Dr. Camilleri iddecieda li jaghlaq il-kazin imsemmi, huwa ma kellu ebda diffikulta` u infatti ha hwejjgu u telaq biex illum dan huwa ufficcju legali ta' Avukat li kien socju mieghu. Allura jargumentaw l-appellanti, dan ghandu japplika wkoll ghalihom u kwindi ghandhom id-dritt jiehdu lura l-fond inkwistjoni. Dan naturalment mhux argument validu ghal din il kawza li hija dwar proprjeta` differenti u dak li seta' kien validu ghal kaz mhux bilfors ikun validu ghal iehor.

Argument iehor tal-appellanti huwa li s-sentenza appellata tikkontradici lilha nnifisha meta tghid li l-konvenut kellu titolu ghall-fond minn dakinhar li sar il-kuntratt tal-akkwist u wkoll li laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' tletin sena (30); ladarba kellu titolu ma kellux ghalfejn jippreskrivi. Dan jista' jkun minnu izda wahdu ma jfissirx li s-sentenza ghanda tigi mibdula. Fil-fehma tal-Qorti fil-fatt, independentement min akkwista dakinhar li sar il-kuntratt, jirrizulta

li ghal aktar minn tletin sena (30), il-fond inkwistjoni intuza bhala kazin tal-Partit Nazzjonalista u kien maghruf bhala tali.  F'kull kaz l-istess sentenza appellata tghid li l-Qorti temmen ukoll li l-partit jista' jinqeda bil-presunzjoni ta' kontinwita` ta' pussess mid-data tax-xiri tal-kuntratt anke *bla hsara ghal dan kollu* (pagna 7 tas-sentenza).  Allura mhux ghal kollox korretti l-appellanti meta jghidu li hemm kontradizzjoni.

Bhala apprezzament tal-provi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995*) qalet li 'il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."*  Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004)  l-istess Qorti qalet li *"Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor.".*

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr. Graham Busuttil,** Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001).

Stabbilit dan *“Din il-Qorti pero` f’kull kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta’ kif graw il-fatti inkwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja* (**Attard et v. Direttur tas-Sahha, Qorti tal-Appell, 31 ta’ Mejju 2014).**

Din il-Qorti wara li ezaminat il-provi imressqa u d-dokumenti esebiti, tghid minghajr dubji li taqbel mal-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti illi sa mill-ftuh tieghu, il-kazin inkwistjoni kien jigi gestit bhala kazin tal-partit appellat. Tghid sewwa l-ewwel Qorti illi l-istess kuntratt ta’ akkwist jindika l-Kumitat 21 ta’ Settembru 1964 *bhala kumitat tal-kazin Nazzjonalista*. Anke jekk dakinhar dan seta’ ma kienx fattwalment korrett mill-punto di vista legali, l-indikazzjonijiet kollha huma li minn dakinhar il-partit imsemmi kellu pussess tieghu *animo domini* minghajr qatt ma kellu xi indikazzjoni kontrarja mill-appellanti. L-istess deskrizzjoni msemmija u cioe` ‘Kazin Nazzjonalista’ ifisser fi kliem uzat normalment, kazin tal-partit nazzjonalista, u mhuwiex allura xi haga stramba li ghas snin kollha li gew wara intuza bhala tali.

Fis-sentenza riportata fil-**Vol. XXXV. Parti 1 pagna 105** intqal illi *“lil min jallega l-usukapjoni trentennali bhala t titolu minnu vantat ma jistax jigi oppost in-nuqqas ta’ titolu jew il-malafede; ... il-pussess irid ikun legittimu jigifieri*

*kontinwu u mhux interrott, pacifiku u mhux ekwivoku.* Ma hemm ebda indikazzjoni mill-provi migbura li l-appellat kien qed jipposjedi l-proprjeta` f'isem l-appellanti jew xi haddiehor u allura f'dak il-kaz kien japplika l-Artikolu 2118 tal-Kodici Civili ossija l-preskrizzjoni ma kienitx tibda ghaddejja.

Is-sentenza fl-ismijiet **Apap Bologna v. Sammut** (**28 ta' Marzu 2003**, **Prim'Awla**) taghmel referenza ghal din is-sentenza appena citata u wkoll ghal dawk fl-ismijiet **Caruana v. Vella (Appell Civili 13 ta' Marzu 1953**) u **Chetcuti v. Xerri (Appell Civili 31 ta' Mejju 1996**) li jghidu li l-*pussess imsemmi ghandu zewg elementi u cioe` dak materjali – il-poter fuq il-haga – u dak intenzjonali l-animu tal-pussessur illi jgawdi id-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-proprjetarju taghha.* Ma hemmx dubju ghal Qorti li l-appellat tul is-snin kollha mill-1973 (meta infetah il-kazin ufficjalment mill-Kap tal-partit appellat ta' dak iz zmien Dr. Borg Olivier) ghall-inqas sakemm giet istitwita l-kawza fl-2005 l-istess appellat kellu dan il-pussess kif spjegat. Ghalhekk sewwa ddecidiet l-ewwel Qorti illi tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trentennali.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata; l-ispejjez tal-appell ukoll a karigu tal-appellanti.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------